MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 165/1999/1

**Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**v.**

**Paul Cardona u martu Mary Cardona**
**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, intavolat mill-attur, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali fl-14 ta' Dicembru 2005. Il-kawza inbdiet mill-attur skond dak li jipprovdi l-Artikolu 1003A tal-Kap. 12: *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u*

*ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**2.** Dak li ta lok ghal din il-kawza kien is-segwenti. Permezz ta' rikors ippresentat u debitament mahluf fl-24 ta' Frar 1999 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Carmela Cassar, Angelo Cassar, Josephine Sultana, Jane Ellul, Vicky Azzopardi u Mary Attard talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Paul u Mary, konjugi Cardona. Fit-talba taghhom huma fissru li kienu qed ifittxu lill-imsemmija Cardona ghad-danni f'somma li tilhaq il-Lm50,000 minhabba li allegaw li Paul Cardona kien responsabbli ghall-mewt ta' Karistu Cassar, li sehhet fil-Barracks tal-Qortin, in-Nadur, Ghawdex. Fir-rikors huma ndikaw diversi proprjetajiet immobbli li l-intimati Cardona kellhom jigu inibiti milli jipotekaw, ibieghu, inehhu, jitrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu jew jaghtu, u fost dawn il-proprjetajiet kien hemm bicca art indikata bhala "in-nofs indiviz ta' l-art imsejha 'Tax-Xlendi' fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex…". B'digriet ta' l-istess data -- 24 ta' Frar 1999 -- it-talba intlaqghet provvizorjament, u r-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-26 ta' Frar 1999. L-ordni (provvizorju) tal-qorti gie debitament notifikat lill-konjugi Cardona fl-24 ta' Frar 1999. Fis-27 ta' April 1999 il-mandat ta' inbizzjoni gie definittivament konfermat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

**3.** Fit-2 ta' Lulju 1999, gie ppresentat rikors quddiem dik l-istess qorti minn Carmela Cassar u l-ohrajn fejn gie allegat li l-konjugi Cardona kienu ttrasferew l-art hawn aktar 'l fuq indikata (jigifieri dik imsejha "Tax-Xlendi" fil-limiti tal-Kercem) "bi ksur flagranti" tal-mandat ta' inibizzjoni. Fl-udjenza tas-6 ta' Awissu 1999 il-qorti iddekretat hekk: *"…billi jirrizulta f'dawn id-dokumenti li fil-fatt sar trasferiment ta' wahda mill-proprjetajiet indikati fir-rikors…billi ghalhekk jidher* prima facie *li l-intimati kisru l-ordni tal-Qorti moghtija bid-digriet provvizorju taghha tal-24 ta' Frar 1999; Tordna li ghandhom jittiehdu a kura tar-registratur ta' din il-Qorti proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita` taghha fil-konfront tal-imsemmija Paul u Regina* [recte: Mary] *konjugi Cardona."* Il-proceduri ghal disprezz inbdew b'citazzjoni presentata mir-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – l-appellant odjern – fit-12 ta' Ottubru 1999.

**4.** Kif inghad, fl-14 ta' Dicembru 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali iddecidiet il-vertenza bejn ir-Registratur u l-konjugi Cardona billi cahdet it-talbiet attrici.
**5.** Ir-registratur appella b'rikors ippresentat fit-3 ta' Jannar 2006. Kif ser naraw, ma hux neccessarju ghall-finijiet tas-sentenza odjerna li wiehed jezamina la l-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti li tichad it-talbiet attrici u anqas l-aggravji ta' l-appellant Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).
**6.** Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2008, u l-appell thalla ghas-sentenza ghal-lum. Permezz ta' digriet kamerali tal-14 ta' Marzu 2008, din il-Qorti, filwaqt li ghamlitha cara li ma kienitx qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1003(2) tal-Kap. 12 li tipprovdi li appell minn sentenza bhal dik in dizamina – jigifieri minn sentenza moghtija taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 – isir lill-Qorti ta' l-Appell b'rikors "li ghandu jigi pprezentat fi zmien jumejn minn dak in-nhar tas-sentenza" – u stednithom sabiex sal-4 ta' April 2008, permezz ta' nota, jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom a propositu. Il-konjugi Cardona, permezz ta' nota ppresentata fis-27 ta' Marzu 2008, in effetti qablu li hawn si trattava ta' appell maghmul barra miz-zmien stabbilit mil-ligi. Ir-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), permezz ta' nota datata 4 ta' April 2008, argumenta li meta fl-1995 il-legislatur ghamel diversi emendi radikali fil-Kap. 12, inkluza z-zieda ta' l-Artikolu 1003A, kien biss "bi zvista [li] l-artikolu 1003(2) ma giex emendat", u ghalhekk ikkontenda li fil-kaz in dizamina kellu japplika t-terminu stabbilit fl-Artikolu 226 tal-Kap. 12 (ukoll introdott mal-emendi "radikali" fl-1995), cioe` t-terminu ta' ghoxrin jum. Skond hu, l-Artikolu 1003(2) sar superfluwu u "il-provvediment antecedenti [1003(2)] ghandu jigi injorat in linea mal-principju ta' interpretazzjoni guridika *lex posterior derogat priori*."
**7.** Din il-Qorti ma tistax taqbel mar-Registrtur fl-argumenti imgebbda tieghu. Apparti li jkun hemm lok ta' interpretazzjoni biss fejn xi haga ma tkunx cara jew fejn ikun hemm konflittwalita` radikali ta' disposizzjonijiet jew principji, fil-kaz in dizamina kemm l-Artikolu 226 odjern kif

ukoll l-Artikolu 1003A gew introdotti bl-istess Att tal-Parlament, jigifieri l-Att XXIV ta' l-1995. Issa, ta' min josserva li meta gie introdott dana l-Artikolu 1003A fl-1995, dan kien jaqra hekk: *"F'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."* Anke f'dan il-format, difficilment wiehed jghid li l-legislatur ried li appelli minn dawn il-procedimenti jkunu regolati bl-Artikolu 226, u dan peress li l-legislatur ma setax ma kienx konxju li qed idahhal disposizzjoni proprju fl-ahhar tat-Titolu XVII, u zewg subincizi boghod mid-disposizzjoni li tghid car u tond: *"Fil-kazijiet l-ohra kollha* [1]*, mis-sentenzi moghtija taht dan it-Titolu, minn qorti, li ma tkunx il-Qorti ta' l-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali, jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell. Dak l-appell ghandu jsir b'rikors, li ghandu jigi pprezentat fi zmien jumejn minn dak in-nhar tas-sentenza."* Pero`, kwalsiasi dubbju remot li seta' kien hemm li l-Artikolu 1003A kien jiskavalka xi disposizzjoni ohra taht l-imsemmi Titolu twarrab ghal kollox bl-emenda introdotta bl-Att IV tal-1996 (Artikolu 14), li biddlet il-bidu ta' l-imsemmi Artikolu 1003A li issa gie jaqra: *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn…"*. B'dan il-mod il-legislatur irriafferma, jekk qatt kien hemm bzonn, li l-procedimenti taht l-Artikolu 1003A huma suggetti ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' l-imsemmi Titolu XVII, fejn, naturalment, dawn ikunu applikabbli, u allura suggetti wkoll ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1003(2) dwar it-terminu ta' l-appell. Jinghad ukoll li dan mhux l-uniku kaz fejn, f'kawzi ta' natura civili, il-legislatur halla li jkun hemm terminu iehor (ossia mhux ta' ghoxrin gurnata) ghall-appell – ara, per ezempju, it-terminu tal-appell minn sentenzi kostituzzjonali, inkluzi dawk taht il-Kap. 319. Li jinghad aktar ikun superfluwu.

**8.** Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell interpost mir-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-3 ta' Jannar 2006 bhala irritu u null, u konsegwentement

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 1003 jipprovdi li *"Mis-sentenzi moghtija taht l-artikoli 990 jew 991 ma hemmx appell, u dawk is-sentenzi jistghu jigu ezegwiti minnufih."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------